

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 207/2011

tat-2 ta' Marzu 2011

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-rigward tal-Anness XVII (Ossidu ta' difenil, derivat tal-pentabromo u PFOS)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 131 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XVII mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jintroduċi restrizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq u l-użu ta' ossidu ta' difenil, derivat tal-pentabromo u sulfonati tal-perflworoottan (PFOS) skont l-annotazzjonijiet 44 u 53.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE ⁽²⁾ jimplimenta fil-liġi tal-Unjoni l-impenji stabbiliti fil-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar il-Pollutanti Organiċi Persistenti, minn hawn 'il quddiem 'il-Konvenzjoni', approvata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE ⁽³⁾ u fil-Protokoll tal-1998 mal-Konvenzjoni tal-1979 dwar Tniġġis Transkonfinali fl-Arja li jwassal fil-Bogħod dwar Pollutanti Organiċi Persistenti, minn hawn 'il quddiem 'il-Protokoll', approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/259/KE ⁽⁴⁾.

- (3) Wara li ntlagħghu n-nomini tas-sustanzi mill-Unjoni

Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-Norveġja u mill-Messiku, il-Kumitat għall-Analiżi tal-Pollutanti Organiċi Persistenti stabbilit skont il-Konvenzjoni kkonkluda ħidmietu fuq grupp ta' sustanzi li nstabu li jissodisfaw il-kriterji tal-Konvenzjoni. Fir-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet fil-Konvenzjoni mill-4 sat-8 ta' Mejju 2009 (minn hawn 'il quddiem 'il-COP4') kien hemm ftehim li jiżdiedu disa' sustanzi mal-Annessi mal-Konvenzjoni inkluż l-ossidu tal-pentabromodifenil u PFOS.

- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 757/2010 tal-24 ta' Awwissu 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pollutanti organiċi persistenti fir-rigward tal-Annessi I u III ⁽⁵⁾ jimplimenta d-Deċiżjonijiet tal-COP 4, billi jinkludi s-sustanzi elenkati fil-Konvenzjoni jew fil-Protokoll jew fit-tnejn li huma fl-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 850/2004. Dawk is-sustanzi jinkludu l-ossidu tal-pentabromodifenil u l-PFOS Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 jipprojbixxi l-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tas-sustanzi elenkati fl-Anness I u jirregola l-ġestjoni tal-iskart li fih dawn is-sustanzi. Fil-każ ta' PFOS, id-derogi applikabbli skont ir-REACH fl-Anness XVII reġgħu qegħdin elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 b'xi emendi biex jirriflettu d-Deċiżjoni COP 4.
- (5) Minħabba fhekk, ir-restrizzjonijiet dwar l-Ossidu ta' difenil, id-derivat tal-pentabromo u l-PFOS fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 huma superfluwi u l-annotazzjonijiet 44 u 53 għandhom jitħassru.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jitħassru l-annotazzjonijiet 44 u 53.

⁽¹⁾ ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7.

⁽³⁾ ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 81, 19.3.2004, p. 35.

⁽⁵⁾ ĠU L 223, 25.8.2010, p. 29.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Marzu 2011.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO
